OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru CEDUC-23-3897**

5 ta' Ottubru 2023

L-Onorevoli Dott Angelo Farrugia
Speaker
Kamra tad-Deputati
Parlament ta' Malta
Pjazza Ħelsien
Il-Belt Valletta

Onorevoli Speaker

Fit-termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qegħdin nibgħatu kopja tal-Opinjoni Finali flimkien ma' korrispondenza relevanti, biex jinġiebu għall-attenzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra u biex jitpoġġew fuq il-mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati. Dan ir-rapport sar wara investigazzjoni kondotta wara ilment miġjub mill-[omissis] kontra l-Università ta' Malta.

Il-każ jirrigwarda deċiżjoni dwar promozzjoni li fil-fehma ta' dan l-Uffiċċju tmur kontra dak li trid il-liġi, hi irraġjonevoli (anke għax ma ngħatawx raġunijiet suffiċjenti), u hi msejsa fuq żball tal-liġi (Artikolu 22(1)(a)(b)(c) u (2) *in fine* tal-Att fuq imsemmi). L-Opinjoni Finali f'dan is-sens intbagħtet lill-partijiet fl-24 ta' Awwissu 2023.

B'ittra datata 15 ta' Settembru 2023, l-Università ta' Malta fissret ma kinitx f'pożizzjoni li twettaq ir-rakkomandazzjoni ta' dan l-Uffiċċju.

Fis-27 ta' Settembru 2023, ktibna lill-Onorevoli Prim Ministru kif titlob il-liġi.

Billi sal-lum ir-rakkomandazzjoni għadha ma ġietx aċċettata, qed nippreżentawlek dan ir-rapport għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Insellu għalik

Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Vincent A Degaetano
Kummissarju għall-Edukazzjoni

Dokumenti Annessi:

Opinjoni Finali – 24 ta' Awwissu 2023
Ittra mir-Rettur – 15 ta' Settembru 2023
Ittra lill-Prim Ministru – 27 ta' Settembru 2023

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt
www.ombudsman.org.mt